MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Numru. 467/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**KONTRA**

**BRUCE XUEREB**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Bruce Xuereb ta’ 23 sena, bin Jesmond u Roslyn nee’ Camilleri, mwieled Pieta’ nhar it- 22 ta’ Marzu 1986, residenti fil- fond Blk Nru. 6, Triq il- Fossos, Floriana u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 145086(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli bejn it- 8 u d- 9 ta’ Mejju 2009, f’dawn il- Gzejjer;

1) xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u cioe’ mobile phone tal- marka Nokia ta’ valur ta’ iktar minn €232.94 izda inqas minn €2329.37 jew xjentement b’kull mod indahal biex ibighu jew imexxih;

2) u aktar talli assocja ruhu ma’ Sarah Zammit detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 63891(M); bil-ghan li jaghmlu delitt;

3) u aktar talli xjentement ghen jew assista lil Sarah Zammit detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 63891(M), fl- atti li bihom id- delitt gie ippreparat jew ikkunsmat;

4) u aktar talli rrenda ruhu recidiv b’sentenza tal-Qorti tal- Magistrati Malta nhar is- 16 ta’ Dicembru 2008 kif preseduta mill- Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D;

5) u aktar talli ghamel reat f’terminu operattiv ta’ sentenza sospiza, imposta fuqu mill- Qorti tal- Magistrati Malta nhar it- 8 ta’ Mejju 2009 kif preseduta mill- Magistrat Dr. Silvio Meli LL.D

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz hu wiehed insolitu ghall-ahhar. L-imputat kien ghadu kemm inghata sentenza ta' prigunerija sospiza fit-8 ta' Mejju 2009, meta aktar tard dak inhar, hu laqa' ghandu “mobile phone” misruq mill-edifizzju tal-Qorti ftit qabel. Affarjiet li, bid-dovut rispett lejn kulhadd, igibuk titkellem wahdek. Il-Qorti hi perplessa ghall-ahhar kif persuna, li ghadha kemm inghatat opportunita' li ma sservix zmien il-habs fuq reat, kif appena tohrog mill-Awla tal-Qorti tilqa' ghandha oggett xjentement misruq mill-istess Qorti! A bazi ta' din l-informazzjoni, din il-Qorti bla tlaqliq kienet sejra taghti l-piena misthoqqa ta' prigunerija effettiva lill-imputat, izda saret talba lill-Qorti mid-difiza li ser tigi kkunsidrata.

Fil-mori ta' din l-istess kawza, ghalhekk, u fuq talba tad-difiza, il-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni Provizorja ta' Supervizjoni fil-konfront tal-imputat, sabiex ikollha aktar informazzjoni fuqu fl-eventwalita' ta' sejbien ta' htija. Di fatti, l-Ufficjal John Testa informa l-Qorti li l-imputat kien ghamel kambjament konsiderevoli f' hajtu f'dawn l-ahhar xhur. Il-Qorti xorta ma tantx impressjonat ruhha li persuna, rinfaccjata b' possibilita' immedjata li sservi perijodu twil ta' zmien il-habs, sejra tbiddel il-faccata biex terbah is-simpatija tal-Qorti. Dawn it-tip ta' konverzjonijiet mirakoluzi huma komuni hafna f'dan l-ambjent. Madankollu, il-Qorti inghatat rakkomandazzjoni mill-istess Ufficjal tal-Probation li l-imputat ma kienx jimmerita sentenza ta' prigunerija, ghalkemm kellu imputazzjonijiet serjissimi kontra tieghu. Il-Qorti rat ukoll illi l-Prosekutur irremetta ruhu ghall-finijiet ta' piena fid-dawl tar-rakkomandazzjoni maghmula minn John Testa, u allura l-Qorti, kwazi kontra s-sens taghha u b' mod eccezzjonali, sejra taghti piena lill-imputat taht id-disposizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti qed taghmilha cara lill-imputat, izda, li din m'hix xi klemenza leggera li qed tinghata lilu, izda ser ikun hemm sorveljanza stretta fuqu tant li, hekk kif ikun hemm l-icken ksur minnu, sejra tkun din il-Qorti li tibghatu l-habs ghal zmien konsiderevoli. Dan hu l-ahhar hajt ta' kenn li ghandu l-imputat, u kemm ser jirnexxilu jkompli fit-triq it-

tajba li jidher li qabad ser jiddependi hafna minnu u minnu biss.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 334, 42(d), 48A, 49, 50, u 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------